

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Lupin vs Il-Kummissjoni(Kawża T-680/14) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-perindopril, prodott mediċinali intiż għall-kura tal-mard kardjovaskulari, fil-verżjonijiet tal-bidu u ġeneriċi tiegħu — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Ftehim ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwimiet fil-qasam tal-privattivi — Ftehim ta' akkwizzizzjoni ta' teknoloġija — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan — Konċiljazzjoni bejn dritt tal-kompetizzjoni u dritt tal-privattivi”)

(2019/C 82/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lupin Ltd (Maharashtra, l-Indja) (rappreżentanti: inizjalment M. Pullen, R. Fawcett-Feuillette, solicitors, M. Hoskins, QC, V. Wakefield, barrister u M. Boles, solicitor, sussegwentement M. Hoskins, V. Wakefield, M. Boles, K. Vernon u S. Smith, solicitors, u fl-aħħar nett M. Hoskins, V. Wakefield, S. Smith u C. Wall, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Castilla Contreras, B. Mongin u T. Vecchi, sussegwentement F. Castilla Contreras, B. Mongin u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn B. Rayment, barrister)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE (Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, għall-annullament tal-multa imposta fuqha mill-imsemmija deċiżjoni jew it-tnaqqis tal-ammont tagħha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Lupin Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 439, 8.12.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018 – Mylan Laboratories u Mylan vs Il-Kummissjoni(Kawża T-682/14) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-perindopril, prodott mediċinali intiż għall-kura tal-mard kardjovaskulari, fil-verżjonijiet tal-bidu u ġeneriċi tiegħu — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Ftehim ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwimiet fil-qasam tal-privattivi — Kompetizzjoni potenzjali — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan — Konċiljazzjoni bejn dritt tal-kompetizzjoni u dritt tal-privattivi — Imputazzjoni tal-aġir li jikkonstitwixxi ksur — Multi”)

(2019/C 82/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mylan Laboratories Ltd (Hyderabad, l-Indja) u Mylan, Inc. (Canonsburg, Pennsylvania, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Kon, C. Firth u C. Humpe, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Castilla Contreras, T. Vecchi u B. Mongin, sussegwentement F. Castilla Contreras, B. Mongin u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn S. Kingston, barrister)